MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 387/2013

Mobisle **Communications Limited**
**C 24655**

**vs**

**Sarah Zammit**
**ID 63891 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn sitt mija wiehed u disghin ewro erbgha u sebghin centezmu (€2,691.74), liema amont huwa in konnessjoni mas-servizz ta’ kommunikazzjoni numru 79911901 numru tal-kont A/C40175631, moghtija mis-socjeta’ attrici u dan skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati ‘A’, ‘B’ u ‘C’ u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati bhala Dok "A", Ftehim, Dok "B" Prospett, Dok "C" Fattura in konnessjoni ma' penali skond il-ftehim, Dok "D" Estratt mir-Registru Elettorali l-aktar recenti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn sitt mija wiehed u disghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€2,691.74), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------